MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1090/2002

**Joseph Sare`**

**vs**

**Charmaine Degiorgio**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-Knisja tal-Kuncizzjoni ta' Bormla fis-27 ta' Gunju 1995;

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifel jismu Nicholas li llum ghandu (6) sitt snin;

Illi l-kontendenti huma separati minn xulxin b'kuntratt tal-11 ta' Mejju 2000;

Illi dan iz-zwieg hu null peress illi l-kunsens taghhom huwa affett minn difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew id-drittijiet u dmirijiet taghha kif ukoll peress li inkiseb bl-eskluzjoni ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali taz-zwieg skond l-**arikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Gunju 1995 hu null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;
Rat li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (*a tergo* ta' fol. 9 u a fol. 10) hija baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk hija kontumaci;

Rat il-verbali tas-26 ta' Frar 2003;

Rat in-nota ta' l-attur ta' l-4 ta' Marzu 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess, dak ta' missieru, William Sare` u dak t'ohtu, Rosanne Sare`;

Rat il-verbal tat-3 ta' April 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-**attur** fl-affidavit tieghu jghid:-

*“Illi jien kelli tlieta u ghoxrin (23) sena meta ttqajt ma’ Charmaine u dak iz-zmien kellha tmintax-il (18) sena. Ltqajna f’disco. Charmaine kienet l-ewwel tfajla li bdejt niffrekwenta b’certa serjeta ghax qabel dejjem kont inkun ma’ hbiebi. Bdejna nohorgu flimkien kwazi kuljum. Mill-ewwel kien hemm gibda fizika qawwija bejnietna u nhares lura llum nghid illi dak li kien hemm bejnietna kienet biss kilba tal-gisem. Wara ftit gimghat infatti beda` jkollna relazzjonijiet sesswali bejnietna. lnhares lura nghid illi sakemm harget tqila, ma kellniex relazzjoni ta’ koppja li qed johorgu flimkien b’intenzjonijiet serji ghall-futur taghna. Nghid ghalija u nahseb anke ghaliha l-laqghat taghna dejjem kienu mmirati principalment lejn il-pjacir sesswali u ftit li xejn izjed. Hi harget tqila wara li konna ilna nohorgu flimkien xi tmien xhur. Sa dak iz-zmien nista` nghid li ma kontx nafha bhala persuna, ma konniex nitkellmu fuq kwistjonijiet ta’ ebda serjeta`, qatt ma tkellimna fuq gherusija jew zwieg, u lanqas kien ghaddieli xi hsieb ta’ futur maghha. It-tqala kienet xokk ghalina t--tnejn. Jien ghidtilha biex tghid lil familtha u jien nghid lil tieghi. Familti mill-ewwel qaluli li ma kellix triq ohra hlief li nizzewweg, kienu jahsbuha l-antika u nahseb lanqas ghaddielhom minn mohhom li kien hemm alternattiva ohra. Jien kont tant imhawwad u dembi taht il-blata illi ma kelli ebda opinjoni tieghi u qisni ridt noqghod fuq dak li jghiduli minghajr ma nahseb fuq il-konsegwenzi ta’ decizjoni serja bhal dik taz-zwieg.*

*Illi familtha haduha bi kbira u anke gew ghalija u ma ridunix nersaq lejha. Fil-fatt ghamilna gimgha ma narawx u nkellmu lil xulxin pero` wara l-familji tkellmu u qablu li z-zwieg kien l-uniku rimedju ghal din il-problema. Naf li z-zewg familji haduha bi kbira x’ser jahsbu n-nies jekk ma nizzewgux. Kemm jien u Charmaine ma tkellimna b’ebda serjeta fuq dak li kien qed jigri. Accettajna stat ta’ fatt minghajr hadd minna ma oppona. Konna qisna qed nghixu hajja ta’ haddiehor u ahna ma kelhna ebda kontroll. Ma ghamilna ebda preparamenti ghaz-zwieg, la kellna fejn noqoghdu u lanqas qisu ma ridna nahsbu fuq*

*il-futur taghna tant li fil-ftit xhur li ghaddew biex izzewwigna kont nafha daqs kemm kont nafha qabel harget tqila. Il-Kappihtan tal-Gzira Dun Victor Scicluna li lilu tlabt parir kien staqsieni ghatfejn ridt nizzewweg u meta ghidtlu li r-raguni kienet it-tarbija hu wissieni biex nahsibha sew jekk din kienet l-unika raguni, sabiex ma nizzewwigx. Pero` dak iz-zmien ma tajtx kaz. Deherli li ma kienx hemm soluzzjoni ohra. Nghid li anki Charmaine zgur ma kienitx tizzewweg li kieku ma kienitx ghat tarbija. Nghid li niddubita kemm konna nibqghu nohorgu flimkien ghax ma kien hemm ebda rabta serja bejnietna. Izzewwigna meta Charmaine kienet ghada tqila u morna noqoghdu go furnished flat. Lanqas wara z-zwieg ma sirna nafu lil xulxin jew ghamilna sforz li nippruvaw nghixu hajja mizzewwga. Charmaine ma wriet ebda hegga li tiehu hsieb id-dar jew tghix bhala mara tad-dar. Baqghet qisha ghadha xebba, jew ghand ommha jew ommha ghandi. Tisjir ma kienx jezisti u dejjem bil-glied. Ma nistax nghid li jien ghamilt sforz anqas peress li kont nistmer immur id-dar filghaxija. Kont imdejjaq b'din is-sitwazzjoni u ma stajtx naccetta hajja mizzewwga li qisha giet impoggija fuqi. Nahseb li anki Charmaine hassitha l-istess. Ghalkemm qatt ma tkellimna tuq il-hajja ta' bejnietna u ghalfejn konna daqshekk imdejqin b'xulxin, it-tnejn konna nafu li z-zwieg ma kenitx is-soluzzjoni ghat-tarbija. Konna niggieldu kontinwament tant li fl-erba` snin zwieg telqet ghand ommha xi ghoxrin darba u giet lura wara xi granet. Anke t-tifel taghna Nicholas ma nistax nghid li ghaqqadna. F'erba` snin zwieg biddilna d-dar xi erba` jew hames darbiet ghax imkien ma kienet toqghod bi kwietha. Dejjem issib xi skuza biex titlaq minn fejn inkunu qedghin."*

Illi gew prezentati wkoll zewg affidavits ohra mill-attur; dak ta' missieru a fol. 17 u dak t'ohtu a fol. 19.

## ii) <u>Principji Legali.</u>

Illi l-attur fil-premessi tieghu jghid illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, minhabba li l-kunsens taghhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-

zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi pero’ qabel xejn jibda’ biex jigi osservat li l-konvenuta baqghet kontumaci u ma pprezentatx l-ebda eccezzjonijijiet, u ghalhekk ghalkemm jidher li l-istess konvenuta m’ghandhiex oggezzjoni ghal tali talba attrici, kemm peress li l-kontumacja tfisser fil-gurisprudenza nostrali oppozizzjoni, mela allura din il-Qorti trid tara xorta li jezistu l-elementi allegati sabiex tippronunzja fuq azzjoni ta’ nullita’ ta’ zwieg, u dan apparti li *stante* li l-ligi hija kollha diretta sabiex tiddefendi r-rabta taz-zwieg tali ndagar huwa rikjest *di rigore* fil-ligi nostrali.

Illi fil-fatt ghandu jigi osservat ukoll li anke kieku l-konvenuta f’din il-kawza ammettiet it-talbiet attrici, xorta wahda din il-Qorti ghandha toqghod attenta li tara li l-allegazzjonijiet attrici jigu effettivament pruvati u li verament jezistu l-elementi necessarji sabiex tigi milqugha t-talba ta’ annullament taz-zwieg, tant kif gie kkonfermat fis-sentenza **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002) u kif ritenut fis-sentenza **“Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia** (A.C. 15 ta’ Jannar, 2002 - Citaz. Nru: 165/95/VDG” anke fil-kaz ta’ *“ammissjoni ta' xi talba jew ohra, din il-Qorti ma kenitx tkun ezonerata milli tisma', u naturalment tezamina u tivvaluta, il-provi sabiex tassigura ruhha li hemm bazi legali ghall-annullament mitlub (ara* ***“Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri”****, (Prim'Awla, 4 ta' Novembru 1994);* ***“Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri”,*** *(Prim'Awla, 3 ta' Ottubru 1995);* ***“Evelyn Agius vs John Borg”****, (Prim'Awla, 4 ta' Ottubru 1995);* ***“Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri”****, (Prim'Awla, 10 ta' Novembru 1995);* ***“Isabelle Zarb vs Stephen Attard”****, (Prim'Awla, 21 ta' Novembru 1995);* ***“Terrence Richard vs Maria Concetta Richard nee' Goodlip”****, (Prim'Awla, 22 ta’ Frar 1996);* ***“Alfred Tonna vs Maria Tonna”****, (Prim'Awla, 31 ta’ Jannar 1996);* ***“Bernardette Debono xebba Gauci vs Mario Debono”****, (Prim'Awla, 16 ta’ Settembru 1996)”*.

Illi ghal dak li jirrgwarda t-talbiet attrici jidher li l-istess premessi huma bbazati fuq dak ikkontemplat fl-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe` l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

"(d) *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:

"*Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated." (Montreal, 1993)**, p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju – Art. 19 (1) (d) – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (**"Isabelle Zarb vs Stephen Attard –** P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu (d) ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku (**"Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana**" – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

"*Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita*" (**Forum, 1990**, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza "*non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena*" (***Pompedda, M.F.,*** "**Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski"** – ***Pompedda – Zagglia*****, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel**

**Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara, "**Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* (***"Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"***, *P.A., 15 ta' April 1996)"*.

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1)(d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar"**, P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni irid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

"*La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)*" (***Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

"*Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per*

*l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio*" (*ibid.* pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie indikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li inghad li:-

"*… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole*" (***Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna,

bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f' dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` "*di intendere e / o di volere*". "*L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale*", jghid il-***Bersini***, "*rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso*" (op. Cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op. Cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea v. John Walsh"**, P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom

infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”*.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“l-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.*"

Illi *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili.

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**Artikolu 19 (1) (f)** “*jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*”.

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f)** dan jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*“colorem habens, substantiam vero*

*nullam")* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ippruvat il-*"finis operis"* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Oorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X, p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi nfatti meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu,

eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda mill-bidu nett z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Av.Christopher Cilia et noe"** (Cit.Nru: 3130/96/NA – 10/11/99) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u "**Albert Grech vs Josette Grech**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP) u **"Emanuel Briffa vs Monica Briffa"** (P.A. (RCP) 2 ta' April 2003); **"Rachel Montebello vs Stephen Axiaq"** (P.A. (RCP) 4 ta' Gunju 2003; **"Laura Blundell vs Alan Blundell"** (P.A. (RCP) 4 ta' Gunju 2003) u **"Vanessa Agius vs Paul Xeureb"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2003).

**iii) <u>Apprezzament tal-Provi.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament car u skjett li l-unika raguni li wasslet lill-attur sabiex jizzewweg lill-konvenuta, u vice versa kien il-fatt li l-istess konvenuta inqabdet tqila qabel iz-zwieg mill-istess attur u ghalhekk f'dik is-sitwazzjoni l-attur hass li ma kellux xelta hlief li jizzzewweg lill-konvenuta, animat ukoll mill-insistenza mill-genituri tieghu u dawk tal-konvenuta, tant li l-istess attur u l-konvenuta kellhom jizzewgu sabiex l-istess tarbija titwieled fiz-zwieg.

Illi bizzejjed wiehed jghid li ghalkemm b'mod mill-aktar irresponsabbli l-kontendenti kellhom diversi relazzjonijiet intimi qabel iz-zwieg li ta l-frott bil-wild imsemmi, u jidher li l-gibda fizika lejn xulxin kienet l-unika haga li l-partijiet kellhom in komun fir-relazzjoni taghhom qabel iz-zwieg, tant li l-istess attur ammetta li l-gibda tieghu lejn il-konvenuta kienet bss ibbazzata fuq attrazzjoni fizika u xejn izjed, tant li l-possibbilta' taz-zwieg qatt ma kienet biss giet ikkunsidrata minnhom it-tnejn sakemm indunaw li l-konvenuta harget tqila u ghalhekk mansament huma ddecidew li ghall-gid tal-istess tarbija u wkoll ghal ghajn is-socjeta' jkun ahjar li l-istess minuri jitwieled jew titwieled fiz-zwieg. Minn hawn l-affarijiet precipitaw fis-sens li gie rrangat malajr iz-zwieg bejn l-istess partijiet, meta lanqas kien hemm la minn naha wahda u lanqas minn ohra hajra ghaz-zwieg flimkien, ahseb u ara kunsens proprju li wiehed jifhem l-kuncett ta' zwieg, indissolibbli u li wiehed jghix litteralment ghall-parti l-*ohra f'kollox b'dan li jkun hemm unjoni ta' hajja matrimonjali, bid-drittijiet u obbligi minnha naxxenti.*

Illi ta' min wiehed isemmi wkoll li sahansitra il-Kappillan tal-Gzira ta' dak iz-zmien, avvicinat mill-attur fetah ghajnejn l-attur sabiex jahsibha sew ghaliex kien jidher li l-unika raguni ghaliex l-istess attur talab li jizzewweg kienet biss minhabba l-istess tarbija; izda jidher li l-partijiet accettaw is-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha u ghalihom din iddettat, kif riedu wkoll il-genituri rispettivi, li huma ma

kellhomx triq ohra hlief li jizzewgu, u fil-fatt hekk gara f'qasir zmien ghalkemm jidher car mill-komportament tal-partijiet li ma kienu jaqblu f'xejn u jidher li r-relazzjoni taghhom kienet glieda kontinwa minhabba l-fatt li l-istess partijiet ma setghux jahbu fir-rejaltajiet tal-hajja li huma lanqas biss gibda ma kellhom ghal xulxin, wisq inqas mhabba jew rispett lejn xulxin.

Illi minn dan kollu jidher ukoll infatti li l-kontendenti ma dahlux f'dan iz-zwieg bil-liberta' ta' xelta rikjesta sabiex tali unjoni tkun sinifikanti, tfisser xi haga, b'dan li kien nieqes ghall kollox miz-zewg nahat il-*commitment* necessarju sabiex tali rabta flimkien bhala konjugi tirnexxi. In verita' jidher car li l-istess partijiet dahlu ghaliex sforzati f'dan it-tieg mhux tant minn terzi persuni bhal genituri taghhom, izda mill-fatt li l-konvenuta harget tqila u allura ppruvaw jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom b'att ta' zwieg li in verita' kien simulat ghaliex jidher li l-partijiet lanqas il-minimu ta' mhabba lejn xulxin ma kellhom, u allura fl-ahhar mill-ahhar l-isforz li ghamlu sabiex jghixu flimkien bil-fors qatt ma seta` jaghti frott, tant li anke sseparaw fi ftit minn inqas minn hames (5) snin miz-zwieg taghhom u dan wara li l-konvenuta kemm-il darba telqet mid-dar konjugali ghar-ragunijiet li ma kien hemm qbil ta' xejn mal-attur.

Illi taht dawn il-konsiderazzjonijiet jidher car li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat kemm ghaliex jidher li l-istess partijiet ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghtu l-kunsens taghhom validament ghall din l-unjoni u wkoll *stante* li kien hemm l-eskluzjoni pozittiva tal-elementi essenzjali taz-zwieg, u dan jidher car mil-fatt li kemm ghall-attur u kemm ghall konvenuta z-zwieg kien biss mezz sabiex it-tarbija li kienet gejja fid-dinja titwieled taht il-kappa ta' formalita' ta' zwieg, izda huwa qatt ma kellu ntenzjoni li jghix ta' ragel mizzewweg u fil-fatt hekk ghamel. Min-naha tal-konvenuta, din ftit kellha xelta x'taghmel hlief li taccetta dak li kien qed jghidulha l-genituri taghha, u wkoll is-sitwazzjoni li sabet ruhha fiha u *dan meta nqabdet f'din* is-sitwazzjoni u kellha tmintax-il sena (18) biss, u fil-fatt l-ebda preparamenti ma saru

ghall-istess tieg u l-partijiet kellhom jikru post bl-ghamara b'kollox fejn imorru joqghodu, ghaliex kollox sar malajr.

Illki hawn jghodd dak li inghad fis-sentenza **"Martin Farrugia vs Antionette Farrugia"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002) u cjoe' *"dan kollu juri b'liema mod ljev u bla ebda konsiderazzjoni l-partijiet odjerni dahlu ghaz-zwieg bejniethom, fejn din il-Qorti thoss li l-kunsens ghaz-zwieg veru u validu kien nieqes ghal kollox, u ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti thoss li dan iz-zwieg bejn il-kontendenti …………….. ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255".***

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fis-27 ta' Gunju 1995 hu null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------